**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

L-Erbgħa 23 ta' Frar 2022

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 40

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 40 (laqgħa b'urġenza) li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 24 ta' Frar 2022 fis-2:30pm.

**IFFIRMATA**

**Stephania Grixti**
Deputat Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

40.01 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2021

40.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-40 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (laqgħa b'urġenza) li saret nhar il-Ħamis 24 ta' Frar 2022 fis-2:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-2:45pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja (bagħat raġuni permezz t'e-mail) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Stephania Grixti |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 40.01 APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS 2021

40.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li din il-laqgħa kellha tissejjaħ b'urġenza wara li l-Financial Statements 2021 kienu riċevuti matul il-ġurnata tat-Tlieta 22 ta' Frar.

40.6.2 Min-naħa tiegħu rringrazzja lill-Kunsillieri li sabu l-ħin sabiex issir il-laqgħa daqstant malajr u l-Financial Statements 2021 jiġu approvati.

40.6.3 Is-Sindku għadda l-kelma lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv Stephania Grixti sabiex tagħti spjegazzjoni dwar il-Financial Stataments 2021.

40.6.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li minn dak li ħareġ mill-Financial Statements 2021 il-Kunsill Lokali tal-Qrendi jinsab f'pożizzjoni finanzjarja b'saħħitha.

40.6.5 Qalet li wieħed irid iżomm f'moħħu li fix-xhur li ġejjin il-Kunsill Lokali ser joħroġ numru sostanzjali ta' flus minħabba l-proġett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid li issa qabad ritmu normali u allura l-ħlasijiet mistennija jiżdiedu fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.

40.6.6 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu japprova dawn il-Financial Statements 2021.

40.6.7 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 40.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

40.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Stephania Grixti resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €71,759.86 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 02/22 u €141.26 skont il-Petty Cash Ref Z/01.

40.2.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

40.2.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis issekondat din il-proposta.

40.2.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

Il-laqgħa ntemmet fit-2:45pm.

**Stephania Grixti**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**